

32001D0728

L 273/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

16.10.2001

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tad-9 ta' Ottubru 2001****li tiġi emendata d-Deċiżjoni 92/452/KEE rigward il-listi ta' kollezzjonijiet ta' embrijoni u produzzjoni ta' l-embrijuni approvata f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijuni taċ-ċanga lill-Komunità**

(notifikata bid-dokument Ċ(2001) 3001)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2001/728/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 rigward il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jinfluwenzaw in-negozju intra-Komunitarju u importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi tat-tip ċanga <sup>(1)</sup>, hekk kif ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni 94/113/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artiklu 8 tagħha,

Billi:

- (1) Is-servizzi veterinarji kompetenti ta' New Zealand ressqu talba għaż-żieda mal-lista, stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE <sup>(3)</sup>, hekk kif ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2001/638/KE <sup>(4)</sup> ta' timijiet uffiċjalment approvati fit-territorji tagħhom għall-esportazzjoni ta' embrijoni ta' annimali domestiċi tar-razza bovina lill-Komunità.
- (2) Garanziji rigward kunsens għad-domanda li ġiet speċifikata f'Artiklu 8 tad-Direttiva 89/556/KEE ġew aċċettati mill-Kummissjoni.
- (3) F'dak li għandu x'jaqsam mal-Kanada, tim li ġie approvat minn qabel għall-ġbir biss għandu jiġi approvat għall-produzzjoni wkoll fuq domanda ta' l-awtoritajiet Kanadiżi.
- (4) Bħala riżultat, id-Deċiżjoni 92/452/KEE għandha tiġi emendata.
- (5) Il-miżuri li ġew provduti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 92/452/KEE huwa emendat kif ġej:

1. Il-linja ta' hawn taħt hija miżjuda mal-linji li jikkonċernaw timijiet ta' New Zealand:

"NZ		NZET 10		Marshall u Hicks Veterinary Surgeons 71 Main Street PO Box 77 Otautau	Daryl Peter John Marshall"
-----	--	---------	--	---	----------------------------

2. Il-linji li jikkonċernaw timijiet Kanadiżi No E 933 ġie mibdul b'dan li ġej:

"CA		E 933	E 933(FIV)	E.T.E. Inc 3 700 boulevard de 1a Chaudiere suite 100 Ste-Foy, Quebec G1X 2K5	Dr Louis Picard Dr Marc Dery"
-----	--	-------	------------	--	----------------------------------

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, tad-19.10.1989, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 53, ta' l-24.2.1994, p. 23.<sup>(3)</sup> ĠU L 250, tad-29.8.1992, p. 40.<sup>(4)</sup> ĠU L 223, tat-18.8.2001, p. 24.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, id- 9 t'Ottubru 2001.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---